MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2133/2003

**Christine Camilleri**
**vs**
**Raymond Demicoli u Villa Eugenie Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm477.00), rapprezentanti danni sofferti mill-attrici rizultat ta' difetti fil-propjeta` tas-socjeta` konvenuta, traskuragni u negligenza tar-rapprezentanti taghha u ksur ta' obbligi kontrattwali, u dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv mit-8 ta' Ottubru 2003 ;**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Jannar, 2004 deher il-konvenut il-Perit Raymond Demicoli li iddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attrici fit-2 ta' Marzu, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti, ngunti in subizzjoni baqghu ma dehrux.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuti, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill- attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm477.00), bl-imghax legali mit-8 ta' Ottubru, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------